

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Comitato “Venezia vuole vivere”, Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tal-appellanti

- tannula d-digriet tal-Qorti Ġenerali appellat;
- tilqa' t-talbiet iffornulati fl-ewwel istanza u, konsegwentement,
  - tannulla, skont il-każ u fil-limiti tal-interess tal-appellanti, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2000/394/KE, tal-25 ta' Novembru 1999, dwar il-miżuri ta' għajjnuna favur impriżi fuq it-territorju ta' Venezia u Chioggia, previsti bil-Liġijiet Nru 30/1997 u Nru 206/1995 li jistabbilixxu tnaqqis ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali;
  - sussidjarjament, tannulla l-imsemmija deċiżjoni sa fejn timponi l-irkupru tat-tnaqqis mogħti u fejn timponi li jiżdied it-tnaqqis allegat li għandu jiġi rkuprat flimkien mal-interessi għall-perijodi msemmija fis-sentenza;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż li jirrigwardaw iż-żewġ istanzi.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Id-disa' aggravji li ġejjin tressqu insostenn tal-appell:

**L-ewwel aggravju:** natura żbaljata tad-digriet peress li ma ġiex ikkunsidrat li l-miżuri inkwistjoni ma kienu jagħtu ebda vantaġġ lill-benefiċjarji tagħhom fid-dawl tan-natura kompensatorja tagħhom.

**It-tieni aggravju:** natura żbaljata tad-digriet peress li ma ġiex eskluża jew, fi kwalunkwe każ, evalwata l-kapaċità tal-miżuri inkwistjoni li jaffettwaw il-kompetizzjoni u l-iskambji intraKommunitarji.

**It-tielet aggravju:** natura żbaljata tad-digriet peress li ġiet eskluża l-applikabbiltà tad-derogi msemmija fl-Artikolu 87(2)(b) KE (li sar l-Artikolu 107(2)(b) TFUE) u fl-Artikolu 87(3)(b) KE (li sar l-Artikolu 107(3)(b) TFUE).

**Ir-raba' aggravju:** natura żbaljata tad-digriet peress li ġiet eskluża l-applikabbiltà tad-deroga msemmija fl-Artikolu 87(3)(c) KE (li sar l-Artikolu 107(3)(c) TFUE).

**Il-ħames aggravju:** natura żbaljata tad-digriet peress li ġiet eskluża l-applikabbiltà tad-derogi msemmija fl-Artikolu 87(3)(d) u (e) TFUE (li sar l-Artikolu 107(3)(d) u (e) TFUE).

**Is-sitt aggravju:** natura żbaljata tad-digriet peress li ġiet eskluża l-applikabbiltà tad-deroga msemmija fl-Artikolu 86(2) KE (li sar l-Artikolu 106(2) TFUE).

**Is-seba' aggravju:** natura żbaljata tad-digriet peress li ġiet eskluża n-natura eżistenti tal-għajjnuna bil-konsegwenza ta' ksur tal-Artikolu 88(3) KE (li sar l-Artikolu 108(3) TFUE) u tal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 659/1999 <sup>(1)</sup>.

**It-tmien aggravju:** natura żbaljata tad-digriet peress li ġiet eskluża l-applikabbiltà tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 659/1999 għal dak li jikkonċerna l-ordni ta' rkupru.

**Id-disa' aggravju:** natura żbaljata tad-digriet peress li ġiet eskluża l-applikabbiltà tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 659/1999 għal dak li jikkonċerna l-applikazzjoni ta' interessi.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tar-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

**Appell ippreżentat fid-29 ta' April 2013 minn Hotel Gabrielli srl, li kienet Hotel Gabrielli Sandwirth SpA mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fl-20 ta' Frar 2013 fil-Kawża magħquda T-278/00 sa T-280/00, T-282/00 sa T-286/00 u T-288/00 sa T-295/00, Albergo Quattro Fontane et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-228/13 P P)

(2013/C 207/26)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

*Appellanti:* Hotel Gabrielli srl, li kienet Hotel Gabrielli Sandwirth SpA (rappreżentanti: A. Bianchini u F. Busetto, avukati)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea, Comitato “Venezia vuole vivere”

### Talbiet

- tannula d-digriet tal-Qorti Ġenerali appellat;
- tilqa' t-talbiet iffornulati mill-ewwel istanza u, konsegwentement,
  - tannulla, skont il-każ u fil-limiti tal-interess tal-appellanti, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2000/394/KE, tal-25 ta' Novembru 1999, dwar il-miżuri ta' għajjnuna favur impriżi fuq it-territorju ta' Venezia u Chioggia, previsti bil-Liġijiet Nru 30/1997 u Nru 206/1995 li jistabbilixxu tnaqqis ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali;

— sussidjarjament, tannulla l-imsemmija deċiżjoni sa fejn timponi l-irkupru tat-tnaqqis mogħti u fejn timponi li jiżded it-tnaqqis allegat li għandu jiġi rkuprat flimkien mal-interessi għall-perijodi msemmija fis-sentenza.

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż li jirrigwardaw iż-żewġ istanzi.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Id-disa' aggravji li ġejjin tressqu insostenn tal-appell:

**L-ewwel aggravju:** natura żbaljata tad-digriet peress li ma tqisx li l-miżuri inkwistjoni ma kienu jagħtu ebda vantaġġ lill-benefiċjarji tagħhom fid-dawl tan-natura kompensatorja tagħhom.

**It-tieni aggravju:** natura żbaljata tad-digriet peress li ma ġietx eskluża jew, fi kwalunkwe każ, evalwata l-kapaċità tal-miżuri inkwistjoni li jaffettwaw il-kompetizzjoni u l-iskambji intraKommunitarji.

**It-tielet aggravju:** natura żbaljata tad-digriet peress li ġiet eskluża l-applikabbiltà tad-deroga msemmija fl-Artikolu 87(2)(b) KE (li sar l-Artikolu 107(2)(b) TFUE) u fl-Artikolu 87(3)(b) KE (li sar l-Artikolu 107(3)(b) TFUE).

**Ir-raba' aggravju:** natura żbaljata tad-digriet peress li ġiet eskluża l-applikabbiltà tad-deroga msemmija fl-Artikolu 87(3)(ċ) KE (li sar l-Artikolu 107(3)(ċ) TFUE).

**Il-ħames aggravju:** natura żbaljata tad-digriet peress li ġiet eskluża l-applikabbiltà tad-deroga msemmija fl-Artikolu 87(3)(d) u (e) TFUE (li sar l-Artikolu 107(3)(d) u (e) TFUE).

**Is-sitt aggravju:** natura żbaljata tad-digriet peress li ġiet eskluża l-applikabbiltà tad-deroga msemmija fl-Artikolu 86(2) KE (li sar l-Artikolu 106(2) TFUE).

**Is-seba' aggravju:** natura żbaljata tad-digriet peress li ġiet eskluża n-natura eżistenti tal-ghajjnuna bil-konsegwenza ta' ksur tal-Artikolu 88(3) KE (li sar l-Artikolu 108(3) TFUE) u tal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 659/1999 <sup>(1)</sup>.

**It-tmien aggravju:** natura żbaljata tad-digriet peress li ġiet eskluża l-applikabbiltà tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 659/1999 għal dak li jikkonċerna l-ordni ta' rkupru.

**Id-disa' aggravju:** natura żbaljata tad-digriet peress li ġiet eskluża l-applikabbiltà tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 659/1999 għal dak li jikkonċerna l-applikazzjoni ta' interessi.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

**Appell ippreżentat fid-29 ta' April 2013 minn GE.AL.VE. Srl mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fl-20 ta' Frar 2013 fil-Kawża magħquda T-278/00 sa T-280/00, T-282/00 sa T-286/00 u T-288/00 sa T-295/00, Albergo Quattro Fontane et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-229/13 P)

(2013/C 207/27)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

**Appellanti:** GE.AL.VE. Srl (rappreżentanti: A. Bianchini u F. Busetto, avukati)

**Partijiet oħra fil-proċedura:** Il-Kummissjoni Ewropea, Comitato "Venezia vuole vivere"

### Talbiet tal-appellanti

— tannulla d-digriet appellat tal-Qorti Ġenerali.

— tilqa' t-talbiet iffornulati fl-ewwel istanza u konsegwentement:

— tannulla, skont il-każ u fil-limiti tal-interess tal-appellanti, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/394/KE, tal-25 ta' Novembru 1999, dwar miżuri ta' ghajjnuna favur impriżi stabbiliti fit-territorji ta' Venezia u ta' Chioggia, previsti mil-Liġijiet Nru 30/1997 u Nru 206/1995 li jistabbilixxu tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali;

— sussidjarjament, tannulla l-imsemmija deċiżjoni fis-sens li timponi l-irkupru tat-tnaqqis mogħti b'żieda tal-interessi għall-perijodi msemmija.

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż marbuta maż-żewġ istanzi tal-kawża.